**TARXIEN**
**Local Council**

**Id-Disa' Leġislatura**

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - **Nu 1/2024**

Data: It-Tnejn, 15 ta' Lulju 2024

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella Zammit | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sa. Annabelle Marmara | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sur Dasier Damato | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Nicole Farrugia | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sur Glenn Gerald Urry | Kunsillier | ~~Assenti~~ Preżenti |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |
| | | |
| Dr. Ian Micallef | Kummissarju għall-ġustizzja | |

### 1.1 Aċċettazzjoni tal-Kariga tas-Sindku

1.1.1 Fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja, is-Segretarju Eżekuttiv talbet lis-Sur Joseph Abela Galea, il-Kunsillier li fl-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali 2024 ġab l-aktar ammont ta' voti mill-partit li kellu l-maġġoranza ta' siġġijiet, sabiex jaċċetta jew mod ieħor il-kriga ta' Sindku tal-lokalita' ta' Ħal Tarxien.

1.1.2 Il-Kunsillier Joseph Abela Galea aċċetta din il-kariga billi qara ittra li huwa prepara għall-Kunsill.

### 1.2 Ġurament tal-Kariga tas-Sindku

1.2.1 Il-Kunsillier is-Sur Joseph Abela Galea, ħalef quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja li huwa kien ser jaċċetta il-kariga ta' Sindku bir-risponsabbilitajiet kollha stipulati mill-liġi.

1.2.2 Il-Kummissarju tal-Ġustizzja prepara u ffirma d-dokumenti kollha neċessarji.

**1.3 Aċċettazzjoni tal-Kariga tal-Viċi Sindku**

1.3.1 Fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja, is-Sindku maħtur talab lis-Sa. Darlene Vella, il-Kunsillier li fl-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali 2024 ġabet it-tieni l-aktar ammont ta' voti mill-partit li kellu l-maġġoranza ta' siġġijiet, sabiex taċċetta jew mod ieħor il-kriga ta' Viċi-Sindku tal-lokalita' ta' Ħal Tarxien.

1.3.2 Il-Kunsilliera s-Sa.Darlene Vella aċċetta din il-kariga billi qrat ittra li hija preparat għall-Kunsill.

**1.4 Ġurament tal-Kariga tal-Viċi Sindku**

1.4.1 Il-Kunsilliera is-Sa. Darlene Vella, ħalfet quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja li hija kienet ser taċċetta il-kariga ta' Viċi-Sindku bir-risponsabbilitajiet kollha stipulati mill-liġi.

1.4.2 Il-Kummissarju tal-Ġustizzja prepara u ffirma d-dokumenti kollha neċessarji.

**1.5 Diskors mis-Sindku**

1.5.1 Is-Sindku għamel diskors ta' merħba lil dawk preżenti u filwaqt li laqa' lill-Kunsilliera eletti speċjalment dawk li għalihom din hija l-ewwel esperjenza, irringrazzja wkoll lil kumplament ta' tim li kien diaġ ħadem miegħu fil-leġislatura preċidenti tas-sapport u l-kollaborazzjoni kontinwa li dejjem sab minn għandhom. Is-Sindku enfasizza wkoll li issa li għaddiet il-kampanja elettorali kull wieħed u waħda mal-mejda għandhom ipoġġu dejjem l-intress tar-residenti Tarxiniżi. Filwaqt li huwa ħerqan li diġa bdiet il-ħidma minn kull wieħed u waħda minnhom. Semma wkoll li ma setax ma jirringrazzjax it-tim ta' ħaddiema fl-amministrattiv kif ukoll lil ħaddiema li jaħdmu fuq barra tal-kontribut li dejjem urew. Is-Sindku irringrazzja wkoll lil dawk il-Kunsilliera li ma baqgħux parti mill-Kunsill.

**1.6 Diskors mill-Viċi Sindku**

1.6.1 Il-Viċi Sindku filwaqt li rringrazzjat lir-residenti tl-fiduċja tagħhom, tat merħba wkoll lit-tim ta' kunsilliera li kienu ġew eletti, irringrazzjat ukoll lill-ħaddiema tal-Kunsill għall-ħidma tagħhom. Filwaqt li semmiet li hija tinstab ħerqana biex flimkien mal-kumplament ta' tim ikomplu jagħmlu ġid għal-lokalita'.

**1.7 Diskors mill-Minority Leader**

1.7.1 Is-Sa. Anabelle Marmara, tat merħba lil dawk li kienu ġew eletti filwaqt li rringrazzjat lil dawk li kienu parti mill-Kunsill fil-leġislatura preċidenti. Hija sostniet l-importanza tal-kollaborazzjoni li minkejja li ġejjin minn partiti differenti, wieħed fuq il-mejda tal-Kunsill għandu jżomm f' moħħu li huwa ngħata mandat sabiex iservi lil-lokal u jirraġġreċenta l-intress tar-residenti kollha.

**1.8 Responsabbilitajiet tal-Kunsilliera**

1.8.1 Is-Sindku semma li wara laqgħa individwali li kienet saret ma' kull Kunsillier elett huwa kien qasam id-dekasteri hekk kif elenkati ma' dawn il-minuti. Is-Sindku irringrazzja lil kull Kunsillier tal-kooperazzjoni li huwa diġa sab mingħand kull wieħed u semma wkoll li l-ħidma ma waqfitx u diġa kollha kemm huma bdew jaħdmu fuq ir-responsabbilitajiet li huwa talabhom li jieħdu ħsieb.

**1.9 Aġġornament**

1.7.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fis-sitta u nofs ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn 29 ta' Lulju 2024 fil-17:30 fl-Uffiċju tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| **Joseph Abela Galea** | **Lianne Cassar** |
| **Sindku** | **Deputat Segretarju Eżekuttiv** |

TARXIEN
Local Council

# ĠURAMENT TAL-KARIGA TA' SINDKU

Jiena, Joseph Abela Galea, Kunsillier elett kif inhu xieraq għal-lokalità ta' Ħal Tarxien solennement naħlef illi naqdi fedelment u konxjenzjożament id-dmirijiet bħala Sindku skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Kunsilli Lokali u l-Kostituzzjoni ta' Malta.

Sindku (firma): ..............................

MAĦLUF u ffirmat

illum It-Tnejn, 15 ta' Lulju 2024

Kummissarju għall-Ġustizzja (firma): ..............................

(u timbru)

Dr. Ian Micallef LL.D.
Advocate
Commissioner of Justice
3, Immaculate Conception Street
Gzira - Malta

Kunsill Lokali Tarxien,
73, Triq Santa Marija
Tarxien, TXN 1704

It-Tnejn, 15 ta' Lulju 2024

Is-Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Tarxien

Lis-Segretarju Eżekuttiv,

ACĊETTAZZJONI TAL-KARIGA

Jiena, Joseph Abelea Galea, (Karta ta' Identità Numru 208473M) li noqgħod 13, Patruna Trq San Guzepp Tarxien, permezz ta' din l-ittra qiegħed nikkonferma li qed naċċetta l-kariga ta' Sindku tal-Kunsill Lokali Tarxien.

Dejjem tiegħek,

Joseph Abela Galea
Sindku

TARXIEN
Local Council

# ĠURAMENT TAL-KARIGA TA' VIĊI SINDKU

Jiena, Darlene Vella, Kunsillier elett kif inhu xieraq għal-lokalità ta' Ħal Tarxien solennement naħlef illi naqdi fedelment u konxjenzjożament id-dmirijiet bħala Viċi Sindku skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Kunsilli Lokali u l-Kostituzzjoni ta' Malta.

Viċi Sindku (firma): ...D.Vella...

MAĦLUF u ffirmat

illum it-Tnejn, 15 ta Lulju 2024

Kummissarju għall-Ġustizzja (firma): ........................

(u timbru)

Dr. Ian Micallef LL.D.
Advocate
Commissioner of Justice
3, Immaculate Conception Street
Gzira - Malta

Kunsill Lokali Tarxien,
73, Triq Santa Marija
Tarxien, TXN 1704

It-Tnejn, 15 ta' Lulju 2024

Is-Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Tarxien

Lis-Segretarju Eżekuttiv,

ACĊETTAZZJONI TAL-KARIGA

Jiena, Darlene Vella, (Karta ta' Identità Numru 191385M) li noqgħod 138, Block A Flat 16 Alcasons Court Triq id-Dejma Tarxien, permezz ta' din l-ittra qiegħed nikkonferma li qed naċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku tal-Kunsill Lokali Tarxien.

Dejjem tiegħek,

D. Vella

Darlene Vella
Viċi Sindku

TARXIEN
Local Council

Id-Disa' Leġislatura
2024 – 2029

Responsabbilitajiet assenjati lill-Viċi Sindku, is-Sur Joseph Abela Galea:

- Anzjani
- Indafa
- Ambjent
- Kultura

**Joseph Abela Galea**
**Sindku**

**Lianne Cassar**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**

TARXIEN
Local Council

Id-Disa' Leġislatura
2024 – 2029

Responsabbilitajiet assenjati lill-Kunsilliera, is-Sa Darlene Vella Zammit:

- Edukazzjoni
- Lifelong Learning
- Komunitajiet
- Taħriġ fil-Komunità

**Joseph Abela Galea**
**Sindku**

**Lianne Cassar**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

TARXIEN
Local Council

Id-Disa' Leġislatura
2024 – 2029

Responsabbilitajiet assenjati lill-Kunsilliera, is-Sur Dasier D'Amato:

- Attivitajiet Fiżiċi
- Tfal u żgħażagħ

**Joseph Abela Galea**
**Sindku**

**Lianne Cassar**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**

TARXIEN
Local Council

Id-Disa' Leġislatura
2024 – 2029

Responsabbilitajiet assenjati lill-Kunsilliera, is-Sa Nicole Farrugia:

- Innovazzjoni
- Relazzjonijiet Pubbliċi
- Ħarsien tal-Annimali

**Joseph Abela Galea**
**Sindku**

**Lianne Cassar**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

TARXIEN
Local Council

Id-Disa' Leġislatura
2024 – 2029

Responsabbilitajiet assenjati lill-Kunsillier, is-Sur Neil Portelli:

- Infrastruttura ġenerali
- Transport Malta
- Sigurtà fit-Toroq
- Applikazzjonijiet ta' żvilupp
- Tabelli u Sinjali

**Joseph Abela Galea**
**Sindku**

**Lianne Cassar**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**

**TARXIEN**
**Local Council**

Id-Disa' Leġislatura
2024 – 2029

Responsabbilitajiet assenjati lill-~~Viċi Sindku~~ Kunsilliera, is-Sa Anabelle Marmara':

- Integrazzjoni Soċjali
- Persuni B'Diżabilità

**Joseph Abela Galea**
**Sindku**

**Lianne Cassar**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**

TARXIEN
Local Council

Id-Disa' Leġislatura
2024 – 2029

Responsabbilitajiet assenjati lill-Kunsillier, is-Sur Glenn Gerald Urry:

- Sports
- Transport Pubbliku

**Joseph Abela Galea**
**Sindku**

**Lianne Cassar**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**